**FIT - TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR**

**Ġudikatur: Dr Phyllis Aquilina LL.M. (Lond.), LL.D.**

**Seduta ta` nhar l-Erbgħa 24 ta` Jannar, 2018.**

**Talba Nru: 296/2017PA**

**GO plc**

**vs**

**Rita Scudieri**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviż tat-Talba preżentat fit-28 ta` Ġunju 2017 li permezz tiegħu s-soċjeta` attriċi talbet li dan it-Tribunal jikkundanna lill-konvenuta tħallasha s-somma ta` sitt mija u ħamsa u sebgħin Ewro, sebgħin ċenteżmu (€675.70ċ) in konnessjoni ma' servizzi elettroniċi ta` komunikazzjoni prestati lilħa fuq kont bin-numru 40553685, li dwarhom kienet ikkuntrattat ma' Mobisle Communiċations Ltd (li ġiet amalgamata mas-soċjeta` attriċi b'effett mid-19 ta` Diċembru 2015), wara li l-istess konvenuta baqgħet ma ħallsitx minkejja li kienet debitament interpellata biex tagħmel dan. Hija talbet ukoll li l-konvenuta tiġi kundannata tħallas l-ispejjeż u d-drittijiet, inklużi dawk tal-ittra uffiċjali eżekuttiva numru 775/2016, flimkien mal-imgħax mid-data tal-preżentata tal-imsemmija ittra uffiċjali eżekuttiva.

Ra d-dokumenti ppreżentati mis-soċjeta` attriċi mal-Avviż tat-Talba, senjatament (i) prospett tal-ħlasijiet mitluba fuq il-kontijiet mertu ta` din il-kawża (Dok. A, fol. 2); (ii)

ċertifikat tal-amalgamazzjoni tal-kumpanija Mobisle Ċommuniċations Limited fis-soċjeta` attriċi (Dok. B1, fol. 3); (iii) kopja tal-kuntratti li s-soċjeta` attriċi ffirmat mal-konvenuta (Doki. B2 u B3, fol. 4-5); (iv) kopja ta` ittra uffiċjali eżekuttiva bin-numru 775/2016 (Dok. C, fol. 6); (v) estratt mir-Reġistru Elettorali li juri l-indirizz reġistrat tal-konvenuta (Dok. D, fol. 7); u (vi) traduzzjoni tat-talba fil-lingwa Ingliża (Dok. D, fol. 6).

Ra li l-konvenuta kienet debitament notifikata bl-Avviż tat-Talba u bl-Avviż tas-Smigħ, pero` baqgħet ma ppreżentatx Risposta u lanqas dehret biex tikkontesta l-kawża.

Sema' x-xiehda ta` Maryanne Camilleri, rappreżentanta tas-soċjeta` attriċi, li kkonfermat li l-konvenuta baqagħlha tħallas lill-istess soċjeta` attriċi l-ammont mitlub b'din il-kawża, għas-servizzi indikati fl-Avviż tat-Talba.

Jidhirlu li din it-talba tas-soċjeta` attriċi tirriżulta suffiċjentement pruvata, fil-kontumaċja tal-konvenuta.

Għaldaqstant, it-Tribunal jaqta` u jiddeċiedi din l-azzjoni billi jilqa' t-talba attriċi, u konsegwentement jikkundanna lill-konvenuta iħallasha s-somma ta` sitt mija u ħamsa u sebgħin Ewro, sebgħin ċenteżmu (€675.70ċ), bl-imgħax u bl-ispejjeż kif mitluba fl-Avviż tat-Talba.

**Avukat Phyllis Aquilina LL.M. (Lond.), LL.D.**

**Ġudikatur**